MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Numru 89/2002

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Paul Miruzzi)

vs

Jason Grima

Illum 2 ta' Mejju, 2005

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Joseph Grima ta' karta ta' identita' numru 376372(M), akkuzat talli:

1. Fil-15 ta' Jannar, 2002 wara nofs in-nhar fir-riserva tal-Buskett attakka, jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' kull xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz

pubbliku jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, PC 1093 James Cardona u PC 800 Jason Mercieca, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti. Dan bi ksur ta’ l-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta’ qabel l-Artikolu 95 tal-Kap 9, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, PC 800 Jason Mercieca u PC 1093 James Cardona, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri l-ispettur Alexander Paul Miruzzi, PC 800 Jason Mercieca u PC 1093 James Cardona jew ma’ hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun, kemm –il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kien jaqa’ taht id-disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 Kodici Kriminali jew ta’ ligi ohra. Dan bi ksur tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fil-granet ta’ qabel kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu, xi arma tan-nar, munizzjon, decoys, xbieki jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar jew il-fenek selvagg f’riserva naturali. Dan bi ksur tar-Regolament 21 (1)© ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993.

5. Fir-Rabat (Malta) fil-15 ta’ Jannar, 2002 kif ukoll fil-granet ta’ qabel din id-data kellu ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom ma tidhirx fl-iskeda I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u Fenek Selvagg li ma humiex registrati mad-Dipartiment ta’ l-Harsien ta’ l-Ambjent. Dan bi ksur ta’ Regolament 17 ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 kif emendat A.L. 23 ta’ l-1997.

Il-Qorti kienet mitluba li barra tapplika il-piena skond il-ligi tordna l-konfiska ta’ l-oggetti ezebiti kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzji tal-kacca u l-insib ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn sena.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat jitrattaw: l-attakk u resistenza kontra ufficjali pubblici (Art. 96 tal-Kap 9); l-ingurji u theddid kontra l-istess ufficjali pubblici (Art. 95 tal-Kap 9); l-offiza kontravenzjonali li ma obbdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija (Art. 338(cc) tal-Kap 9); il-pussess ta’ arma tan-nar, munizzjon, decoys etc. f’riserva naturali (Reg. 21 (1c) tal-Avviz Legali 146/1993); il-pussess ta’ tajr ibbalzmat (Reg. 17 tal-Avviz Legali 146/1993 kif emendat bl-Avviz Legali 23/1997).

L-akkuzi riportati jirrisalu ghall-gurnata tal-15 ta’ Jannar, 2002 meta membri tal-iskwadra tal-ALE immexxija mill-Ispettur Miruzzi ghamlu inkursjoni fir-riserva tal-Buskett fuq rapporti minn bdiewa tal-lokal li kien qieghed isir insib illegali fir-riserva. F’hin minnhom zewg persuni, li sussegwentement irrizultaw li kienu l-imputat u certu Christiano Sammut, li kontra tieghu ttiehdu proceduri fis-

seduta ta’ l-ALE, li kienu fejn mansab gew innutati jzarmawh. Issa din il-kawza tirrigwarda l-imputat, li fost l-akkuzi dedotti kontra tieghu, hemm ir-reati mahsuba fl-Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9. Dwar l-imsemmija reati l-provi jikkonsistu fix-xhieda tal-pulizija li kienu presenti u partikolarment tal-Ispettur innifsu qua l-ufficjal pubbliku li kontra tieghu sehhew l-allegati reati. In propositu l-Ispettur jghid illi meta rrinfaccja l-imputat hu identifika ruhu li kien pulizija u hemm l-imputat pogga idejh ma’ wicc l-Ispettur li qabad lill-imputat minn idu u sehhet kollutazzjoni hafifa bejniethom. Il-kollutazzjoni rripetiet ruhha meta l-imputat irnexxielu jahrab izda gie ntercettat xi metri boghod. Hawnhekk, kienu waslu fejn l-Ispettur PC 1093 u PC 800 u l-imputat beda jxejjer ‘baskett’ fid-direzzjoni taghhom. Eventwalment l-imputat gie arrestat u saru tfittxijiet kemm fil-kaxxa tal-ghodda tal-hadid (riferita bhala baskett) li kienet tikkontjeni affarijiet relatati mal-insib (ara ritratti esebiti fol. 20) u kemm fir-residenza tieghu minn fejn gie elevat tajr mhux registrat.

Issa mill-provi l-Qorti hi sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi kollha minnha dedotti kontra l-imputat . Hemm, fil-fehma taghha provi skjetti u cari dwar li l-imputat fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza kien gewwa r-riserva tal-Buskett, kien qieghed jonsob, li offra resistenza u attakka membri tal-korp tal-pulizija filwaqt li ntervenew biex iwaqqfu l-attivita’ illegali, u li kellu fil-pussess tieghu, precizament fid-dar tar-residenza tieghu, tajr li kien protett u mhux registrat. Dan il-Qorti qeghda ssostnieh anke wara li qieset ic-cirkostanzi kollha inkluz dak li kellu x’jghid l-imputat sija meta xehed quddiemha u sija meta gie nterrogat u rrilaxxja zewg stqarrijiet lill-pulizija, u wkoll fuq dak li xehed siehbu Christiano Sammut.

Dwar il-piena, wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338 (cc) u 17 tal-Kap 9 u r-Regolamenti 21 (1)(c), 17 u 25 tal-A.L. 146/1993, tiddikjara li l-akkuzi taht it-tieni u t-tielet kap ghandhom jitqiesu assorbiti fl-ewwel akkuza u mill-bqija l-piena ghandha tirrispekkja u tikkonforma mal-artikoli fuq citati.

Ghalhekk tiddeciedi illi ssib l-imputat hati tal-ewwel akkuza kif inghad, wkoll tar-raba’ u l-hames akkuza, u ai termini tal-artikoli tal-ligi citati tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 u Lm300 multa.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu naxxenti mis-sentenza sospiza f’kaz li matul il-perjodu ta’ sena millum jikkommetti xi reat iehor punibbli bi prigunerija.

Tordna konfiska tal-ghasafar u ta’ l-ghodda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------